**16 ta' Mejju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Paul Mifsud

**"Third Party Risks" — Polza tas-Sigurtà — Sospensjoni tal-Lienza tas-ewqan — "Special Reasons" — Kondotta tal-Imputat — Art. 3 tal-Kap. 165.**

*Il-liġi dwar l-assikurazzjoni tal-vetturi tal-mutur dwar ir-riskji ta' terzi persuni tolqot tant il-fatt ta' min jġiegħel kemm dak ta' min jippermetti ("cause or permit") li tiġi misfuqa karrozza li ma hix koperta minn polza tas-sigurtà dwar ir-riskji ta' terzi persuni.*

*"Special Reason" li tista' timmilita favur il-mitigazzjoni tal-piena tal-iskwilifika milli wieħed jkollu jew jottjeni liċenza tas-sewqan trid tkun xi raġuni speċjali għall-fatti tar-reat, u mhux għall-persuna tal-imputat; għalhekk il-kondotta tajba tal-imputat ma tgħoddx bħala "special reason".*

*Del resto, id-disgrazzji tat-traffiku qegħdin jikbru biżżejjed hawn Malta, bla ma jiżdiedu billi jiġi kunsidrat b'indulġenza l-każ ta' min ikun isuq bla liċenza u bla kopertura tas-sigurtà għar-riskji tat-terzi persuni.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli fil-5 ta' Frar 1959, f'xi s-2.30 p.m., ippermetta lil Charles Mifsud isuq truck 5664 minn Mtarfa Road, Rabat, mingħajr liċenza mill-Pulizija tas-sewqan, u b'hekk ma kienx kopert bil-polza tas-sigurtà jew garanzija dwar riskji tat-terzi persuni skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza XXXVI tal-1939, u għaldaqstant il-Prosekuzzjoni talbet li jiġi skwalifikat li jkollu jew jieħu liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax il-xahar jew aktar skond l-art. 3(2) tal-istess Ordinanza;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-6 ta' Marzu 1959, li

biha sabitu ħati u kkundannatu £5 multa u skwalifika talliċenza tas-sewqan għal żmien tnax il-xahar;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-provi l-Qorti hi soddisfatta li kien l-imputat li bagħat lill-ibnu jsuq it-truck bil-ħalib li kellu jiġi konsenjat lill-Gvern. L-imputat jippretendi li hu kien inkariga lil Giuseppe Bonello, ħaddiem impjegat miegħu, li għandu liċenza tas-sewqan, biex dak inhar isuq it-truck, u li ibnu qabad u ħa t-truck minn jeddu, bla ma bagħtu ossija nkarigah hu;

Lill-uffiċjal tal-Pulizija, però, l-imputat ma tax din ilversjoni; u meta staqsieh il-Maġġur Gray, quddiem iżżewġ kuntistabblijiet li xehdu, Pulis u Bonnici, il-għaliex kien bagħat lill-ibnu bit-truck, l-imputat irrisponda sempliċement "għax kont ma niflaħx". u ma spjegax, bl-ebda mod u manjiera, li hu kien inkarika lil Bonello, u li, bla ma kien jaf hu, ibnu qabad u ħa t-truck;

Mhux biss, imma dan Bonello jgħid . . . . .;

Il-Qorti tirrileva, dejjem għal dak li jirrigwarda l-inverosimiljanza tal-versjoni tal-imputat u Bonello, li l-imputat ma kienx fis-sodda marid dak inhar . . . . . ;

Fl-aħħarnett, l-atteġġjament tal-imputat x'ħin ġie msejjaħ mill-Maġġur Gray u nduna li l-każ inqabad, ċjoè l-mossa li hu għamel, u minnu in sostanza ammessa, u mhux soddisfaċentement spjegata, tkompli turi li dak ilħin l-imputat kien qed jammetti l-każ u kien għad ma arkitettax il-versjoni serotina li biha ħareġ fil-proċess;

Ma hux kontrastat li iben l-imputat ma kellux liċenza, u għalhekk, ġa ladarba t-truck ġie misjuq minn persuna mhux liċenzjata, dan iġib li ntilfet il-kopertura tas-sigurtà;

Għandu jiġi notat li l-art. 3 tal-Kap. 165, li fuqu hi bażata l-imputazzjoni, jikkontjeni ż-żewġ kelmiet "cause or permit"; u ġie dejjem ritenut li, għalkemm taħt il-kelma "cause" hu meħtieġ inkarigu espress, il-kelma "permit" hi invece "a looser and vaguer term" (ara Davies, Law of Road Traffic, p. 293). F'dan il-każ, "ex confessis", kien hemm l-inkarigu espress;

Ma hemm ebda "special reason" li tista' timmilita għall-mitigazzjoni tal-piena tal-iskwalifika, intiża dejjem l-espressjoni "special reason" fis-sens li tkun raġuni speċjali għall-fatti tar-reat, u mhux għall-persuna tal-imputat (App. Krim. "Pulizija vs. Attard", 15. 11. 1958); għalhekk, il-kondotta tajba preċedenti tal-imputat ma tgħoddx bħala "special reason" (ara appell deċiż mill-Qrati Ingliżi, Whittall vs. Kirby (1946) All Eng. Law Rep. 552). Del resto, id-disgrazzji tat-traffiku qegħdin jikbru biżżejjed hawn Malta, bla ma jiżdiedu billi jiġi kunsidrat b'indulġenza każ ta' wieħed li jsuq bla liċenza u bla kopertura għar-riskji tat-terzi persuni;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Iż-żmien tas-sospensjoni jibda jgħaddi minn nhar it-Tnejn, 18 ta' Mejju 1959.